REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1242/2008

tat-8 ta' Diċembru 2008

li jistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni ta' kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 4(4), 6(2), u 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-Komunità s-sistemi u l-istrutturi tal-produzzjoni huma differenti ħafna. Sabiex l-analiżi tal-karatteristiċi strutturali tal-azjendi agrikoli u r-riżultati ekonomiċi tagħhom issir iżjed faċli, ġiet stabbilita klassifikazzjoni adattata u omoġenja tal-azjendi agrikoli skont id-daqs u t-tipi ekonomiċi ta' biedja permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/377/KEE tas-7 ta' Ġunju 1985 li tistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli [2].

(2) It-tipoloġija Komunitarja teħtieġ li tiġi rranġata b'tali mod li gruppi omoġenji ta' azjendi jkunu jistgħu jinġabru flimkien bi grad ikbar jew iżgħar ta' aggregazzjoni u li jkunu jistgħu jitqabblu s-sitwazzjonijiet tal-azjendi.

(3) Minħabba l-importanza dejjem tikber għad-dħul tal-bdiewa ta' attivitajiet oħrajn ta' qligħ li huma relatati direttament mal-azjenda minbarra l-attivitajiet agrikoli tal-azjenda, fit-tipoloġija Komunitarja trid tiġi inkluża varjabbli ta' klassifikazzjoni li tirrifletti l-importanza ta' attivitajiet oħrajn ta' qligħ (OGA) li huma relatati direttament mal-azjenda.

(4) Biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 4(1), 6(1)(b) u 7(2) tar-Regolament 79/65/KEE, iridu jiġu stabbiliti r-regoli ta' implimentazzjoni għat-tipoloġija Komunitarja. Barra minn hekk, it-tipoloġija Komunitarja għandha tapplika għall-azjendi li jibagħtu prospetti bl-użu ta' dejta ta' kontabbiltà miġbura permezz tar-Rettikolat tad-Dettalji għall-Kontabbiltà tar-Razzett (*Netwerk Komunitarju ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms*) (FADN).

(5) Skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-istħarriġiet dwar l-istruttura tal-farms u dwar il-metodi tal-produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 [3], l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms li jkun sar abbażi ta' kampjun irid ikun statistikament rappreżentattiv f'termini tat-tip u tad-daqs tal-azjendi agrikoli skont it-tipoloġija Komunitarja. Għalhekk, it-tipoloġija Komunitarja għandha tapplika wkoll għall-azjendi li għalihom tingħabar dejta permezz ta' stħarriġ dwar l-istruttura tal-farms.

(6) It-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku tal-azjenda għandhom jiġu determinati abbażi ta' kriterju ekonomiku li jibqa' dejjem pożittiv. Għalhekk huwa xieraq li tintuża l-produzzjoni standard. Il-produzzjonijiet standard iridu jiġu stabbiliti skont il-prodott. Il-lista ta' prodotti li għalihom se jkunu kkalkolati l-produzzjonijiet standard għandha titranġa skont l-intestaturi użati fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008. Sabiex l-applikazzjoni tat-tipoloġija tkun tista' ssir għall-azjendi fl-FADN, trid tiġi stabbilita tabella ta' korrispondenza bejn l-intestaturi tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms u tal-prospett tal-farm mibgħut lura lill-FADN.

(7) Il-produzzjonijiet standard huma bbażati fuq valuri medji fuq perjodu ta' referenza ta' ħames snin, iżda għandhom jiġu aġġornati regolarment biex jitqiesu t-tendenzi ekonomiċi sabiex it-tipoloġija tista' tkompli tiġi applikata bis-sens. Il-frekwenza tal-aġġornament għandha tkun marbuta mas-snin li fihom isir l-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms.

(8) Sabiex jitfassal il-pjan tal-għażla tal-azjendi li jibagħtu l-prospetti li se jiġu inklużi fl-FADN tal-2010, jeħtieġ li jkun ipprovdut li t-tipoloġija definita f'dan ir-Regolament tkun diġà applikata fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms għall-2007. Barra minn hekk, sabiex ikun żgurat li l-analiżi dwar is-sitwazzjoni tal-azjendi agrikoli kklassifikati skont din it-tipoloġija tkun tista' titqabbel, irid ikun ipprovdut li din trid tapplika għall-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms u għall-FADN qabel l-2010. Għalhekk jeħtieġ li tiġi inkluża deroga, li tipprovdi li l-produzzjonijiet standard jiġu kkalkolati għall-perjodu ta' referenza 2004.

(9) Il-produzzjonijiet standard u d-dejta meħtieġa għall-kalkolu tagħhom għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-aġenzija intermedjarja maħtura minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament 79/65/KEE. Għandu jkun ipprovdut li l-aġenzija intermedjarja tkun tista' tikkomunika l-informazzjoni rilevanti direttament lill-Kummissjoni permezz ta' sistema ta' informazzjoni stabbilita mill-Kummissjoni. Barra minn hekk għandu

[1] ĠU 109, 23.6.1965, p. 1859/65.
[2] ĠU L 220, 17.8.1985, p. 1.
[3] ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14.

jkun previst li din is-sistema tkun tippermetti l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni meħtieġa abbażi ta' mudelli disponibbli għall-aġenzija intermedjarja permezz ta' din is-sistema. Għandu jkun ipprovdut ukoll li l-Kummissjoni tavża lill-Istati Membri bil-kundizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tas-sistema kompjuterizzata permezz tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms.

(10) Għal raġunijiet ta' ċarezza u biex jitqies il-fatt li t-tipoloġija Komunitarja hija miżura ta' applikazzjoni ġenerali, aktar milli miżura indirizzata għal benefiċjarji speċifiċi, huwa xieraq li d-Deċiżjoni 85/377/KEE tinbidel b'Regolament.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi t-"Tipoloġija Komunitarja għall-azjendi agrikoli", minn hawn 'il quddiem imsejħa "tipoloġija", li hija klassifikazzjoni uniformi ta' azjendi fil-Komunità skont it-tip ta' biedja u d-daqs ekonomiku tagħhom u skont l-importanza tal-attivitajiet l-oħrajn ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda.

2. It-tipoloġija għandha tintuża primarjament għall-preżentazzjoni, skont il-klassi tat-tip ta' biedja u tad-daqs ekonomiku, ta' dejta miġbura permezz tal-istħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura tal-farms u n-Netwerk Komunitarja ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms.

Artikolu 2

It-tip ta' biedja

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament it-"tip ta' biedja" ta' azjenda għandu jiġi ddeterminat mill-kontribuzzjoni relattiva tal-produzzjoni standard ta' karatteristiċi differenti ta' din l-azjenda għall-produzzjoni totali standard tal-azjenda. Il-produzzjoni standard trid tkun kif stabbilit fl-Artikolu 5.

2. It-tipi ta' biedja għandhom jinqasmu skont l-ammont ta' dettall meħtieġ, fi:

(a) tipi ġenerali ta' biedja,

(b) tipi prinċipali ta' biedja,

(c) tipi partikolari ta' biedja.

Il-klassifikazzjoni tal-azjendi skont it-tip ta' biedja għandha tkun kif stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 3

Id-daqs ekonomiku tal-azjenda

Id-daqs ekonomiku tal-azjenda għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-produzzjoni totali standard tal-azjenda. Din għandha tingħata f'euro. Il-metodu ta' kalkolu tad-daqs ekonomiku tal-azjenda u l-klassijiet tad-daqs ekonomiku għandu jkun skont kif stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 4

L-attivitajiet l-oħrajn ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda

L-importanza tal-attivitajiet l-oħrajn ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda għandha tkun iddeterminata abbażi tal-perċentwali ta' dawk l-attivitajiet l-oħrajn ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda fil-produzzjoni finali tal-azjenda. Dan il-proporzjon għandu jkun espress bħala firxa ta' perċentwali. Dawk il-firxiet ta' perċentwali għandhom jiġu stabbiliti fil-Parti C tal-Anness III.

Il-produzzjoni finali, id-definizzjoni u l-metodu tal-istima ta' dak il-proporzjon huma stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness III.

Artikolu 5

Il-produzzjoni standard u l-produzzjoni totali standard

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, "produzzjoni standard" tfisser il-valur standard tal-produzzjoni grossa.

Il-produzzjoni standard għandha tiġi ddeterminata għal kull reġjun imsemmi fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u għal kull karatteristika tal-uċuħ u l-bhejjem tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farm imsemmi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1166/2008.

Il-metodu tal-kalkolu biex jiġu ddeterminati l-produzzjonijiet standard għal kull karetteristika u l-proċeduri għall-ġbir tad-dejta korrispondenti huma stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. Il-produzzjoni totali standard tal-azjenda għandha tikkorrispondi għas-somma tal-valuri akkwistati għal kull karatteristika billi l-produzzjonijiet standard għal kull unità jiġu mmultiplikati bl-għadd ta' unitajiet korrispondenti.

3. Għall-għanijiet tal-kalkolu tal-produzzjonijiet standard għall-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms għas-sena N, il-"perjodu ta' referenza" tfisser is-sena N-3 li tkopri l-ħames snin suċċessivi mis-sena N-5 sas-sena N-1.

Il-produzzjonijiet standard għandhom jiġu ddeterminati bl-użu ta' dejta medja bażika kkalkolata fuq perjodu ta' referenza ta' ħames snin imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Għandhom jiġu aġġornati biex jitqiesu t-tendenzi ekonomiċi mill-inqas kull meta jsir stħarrig dwar l-istruttura tal-farms.

L-ewwel perjodu ta' referenza li għalih se jiġu kkalkolati produzzjonijiet standard jikkorrispondi għall-perjodu ta' referenza 2007 li jkopri s-snin kalendarji 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 jew is-snin ta' produzzjoni agrikola 2005/06, 2006/07, 2007/08, 2008/09 u 2009/10.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jikkalkolaw il-produzzjonijiet standard għall-perjodu ta' referenza 2004 għall-karatteristiċi elenkati fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms għall-2007 kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 204/2006 [1]. F'dan il-każ, il-perjodu ta' referenza għandu jkopri jew is-snin kalendarji 2003, 2004, 2005 jew is-snin ta' produzzjoni agrikola 2003/04, 2004/05, 2005/06.

Artikolu 6

Trażmissjoni lill-Kummissjoni

1. Il-produzzjonijiet standard u d-dejta msemmija fil-Parti 3 tal-Anness IV għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-aġenzija intermedjarja maħtura minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament 79/65/KEE jew mill-organizzazzjoni li lilha tkun ingħatat din il-ħidma.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, il-produzzjonijiet standard għal perjodu ta' referenza tas-sena N u d-dejta msemmija fil-Parti 3 tal-Anness IV qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena N+3 jew jekk meħtieġ qabel data tal-għeluq stabbilita mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta il-Kumitat Komunitarju dwar in-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms.

Il-produzzjonijiet standard għall-perjodu ta' referenza 2004 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2008.

3. Għat-trażmissjoni tal-produzzjonijiet standard u d-dejta msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jużaw is-sistemi tal-kompjuter li jippermettu skambji elettroniċi ta' dokumenti u informazzjoni li jsiru disponibbli mill-Kummissjoni (l-Eurostat) bejnha u l-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-forma u l-kontenut tad-dokumenti meħtieġa għat-trażmissjoni abbażi ta' mudelli jew kwestjonarji li jkunu disponibbli permezz tas-sistemi msemmija fil-paragrafu 3. Id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-attribwiti tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ddefiniti fil-kuntest tal-Kumitat Komunitarju dwar in-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms.

Artikolu 7

Ir-revoka

1. Id-Deċiżjoni 85/377/KEE qed tiġi revokata.

Madankollu, id-Deċiżjoni 85/377/KEE għandha tkompli tapplika sabiex jiġu kklassifikati l-azjendi tan-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms sas-sena ta' kontabbiltà 2009 inkluża u tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 [2] sal-istħarriġ tal-2007 inkluż.

2. Referenzi għad-Deċiżjoni revokata għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-sena ta' kontabbiltà 2010 għan-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms u għall-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms mill-istħarriġ tal-2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 34, 7.2.2006, p. 3.

[2] ĠU L 56, 2.3.1988, p. 1.

ANNESS I

KLASSIFIKAZZJONI TA' AZJENDI AGRIKOLI SKONT IT-TIP TA' BIEDJA

A. SKEMA TA' KLASSIFIKAZZJONI

Azjendi speċjalizzati – uċuħ tar-raba'

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja
1. Uċuħ tar-raba' speċjalizzati tal-għelieqi	15. Ċereali speċjalizzati, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tal-proteini	151. Ċereali speċjalizzati (apparti minn ross), żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba' tal-proteina
		152. Ross speċjalizzat
		153. Ċereali, żrieragħ taż-żejt, uċuħ tar-raba' tal-proteina u ross flimkien
	16. Uċuħ ġenerali tar-raba'	161. Ħxejjex imkabbra għall-għeruq speċjalizzati
		162. Ċereali, żerriegħa taż-żejt, uċuħ tar-raba' tal-proteina u tal-għeruq flimkien
		163. Ħxejjex tal-għalqa speċjalizzati
		164. Tabakk speċjalizzat
		165. Qoton speċjalizzat
		166. Uċuħ tar-raba' diversi tal-għelieqi flimkien
2. Ortikultura speċjalizzata	21. Ortikultura speċjalizzata ta' ġewwa	211. Ħxejjex speċjalizzati ta' ġewwa
		212. Fjuri u pjanti ornamentali speċjaliżżati ta' ġewwa
		213. Ortikultura mħallta speċjalizzata ta' ġewwa
	22. Ortikultura speċjalizzata ta' barra	221. Ħxejjex speċjalizzati ta' barra
		222. Fjuri u pjanti ornamentali speċjalizzati ta' barra
		223. Ortikultura mħallta speċjalizzata ta' barra
	23. Ortikultura oħra	231. Faqqiegħ speċjalizzat
		232. Mixtliet speċjalizzati
		233. Ortikultura diversa
3. Uċuħ tar-raba' permanenti speċjalizzati	35. Dwieli speċjalizzati	351. Inbid ta' kwalità speċjalizzat
		352. Inbid speċjalizzat apparti minn inbid ta' kwalità
		353. Għeneb tal-mejda speċjalizzat
		354. Dwieli oħrajn
	36. Frott u frott taċ-ċitru speċjalizzati	361. Frott speċjalizzat (apparti minn ċitru, frott tropikali u ġewż)
		362. Frott taċ-ċitru speċjalizzat
		363. Ġewż speċjalizzat
		364. Frott tropikali speċjalizzat
		365. Frott speċjalizzat, ċitru, frott tropikali u ġewż: produzzjoni mħallta
	37. Żebbuġ speċjalizzat	370. Żebbuġ speċjalizzat
	38. Uċuħ tar-raba' permanenti diversi flimkien	380. Uċuħ tar-raba' permanenti diversi flimkien

Azjendi speċjalizzati – produzzjoni tal-annimali

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja
4. Merħliet speċjalizzati li jirgħu	45. Baqar tal-ħalib speċjalizzati	450. Baqar tal-ħalib speċjalizzati
	46. Baqar speċjalizzati - trobbija u simna	460. Baqar speċjalizzati - trobbija u simna
	47. Baqar – tal-ħalib, trobbija u simna flimkien	470. Baqar – tal-ħalib, trobbija u simna flimkien
	48. Nagħaġ, mogħoż u annimali ħajjin oħrajn li jirgħu	481. Nagħaġ speċjalizzati
		482. Nagħaġ u baqar flimkien
		483. Mogħoż speċjalizzati
		484. Merħliet li jirgħu diversi
5. Granivori speċjalizzati	51. Ħnieżer speċjalizzati	511. Trobbija tal-ħnieżer speċjalizzata
		512. Simna tal-ħnieżer speċjalizzata
		513. Trobbija u simna tal-ħnieżer flimkien
	52. Tjur speċjalizzati	521. Tiġieġ li jbidu speċjalizzati
		522. Tjur għal-laħam speċjalizzati
		523. Tiġieġ li jbidu u tjur għal-laħam flimkien
	53. Granivori diversi flimkien	530. Granivori diversi flimkien

Azjendi mħallta

Tip ġenerali ta' biedja	Tip prinċipali ta' biedja	Tip partikolari ta' biedja
6. Uċuħ tar-raba' mħallta	61. Uċuħ tar-raba' mħallta	611. Ortikultura u wċuħ tar-raba' permanenti flimkien
		612. Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi u ortikultura flimkien
		613. Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi u dwieli flimkien
		614. Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi u wċuħ tar-raba' permanenti flimkien
		615. Uċuħ tar-raba' mħallta flimkien,, primarjament uċuħ tar-raba' tal-għelieqi
		616. Uċuħ tar-raba' mħallta oħrajn
7. Azjendi bl-annimali ħajjin mħallta	73. Annimali ħajjin imħallta, primarjament merħliet li jirgħu	731. Annimali ħajjin imħallta, primarjament tal-ħalib
		732. Annimali ħajjin imħallta, primarjament merħliet li mhumiex tal-ħalib li jirgħu
	74. Annimali ħajjin imħallta, primarjament granivori	741. Annimali ħajjin imħallta, granivori u baqar tal-ħalib flimkien
		742. Annimali ħajjin imħallta: granivori, u merħliet li mhumiex tal-ħalib li jirgħu
8. Uċuħ tar-raba' mħallta – annimali ħajjin	83. Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi – merħliet li jirgħu flimkien	831. Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi flimkien ma' baqar tal-ħalib
		832. Baqar tal-ħalib flimkien ma' wċuħ tar-raba' tal-għelieqi
		833. Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi flimkien ma' merħliet li mhumiex tal-ħalib li jirgħu
		834. Merħliet li mhumiex tal-ħalib li jirgħu flimkien ma' wċuħ tar-raba' tal-għelieqi
	84. Uċuħ tar-raba' diversi u annimali ħajjin flimkien	841. Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi u granivori flimkien
		842. Uċuħ tar-raba' permanenti u merħliet li jirgħu flimkien
		843. Apikultura
		844. Uċuħ tar-raba' diversi mħallta u annimali ħajjin
9. Azjendi li mhumiex klassifikati	90. Azjendi li mhumiex klassifikati	900. Azjendi li mhumiex klassifikati

B. TABELLA TA' KORRISPONDENZA U KODIĊIJIET TA' RAGRUPPAMENT

I. **Korrispondenza bejn l-intestaturi tal-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms u l-intestaturi tal-prospett tal-farm tan-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-Farms (FADN)**

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tal-produzzjonijiet standard (SOs)		
Il-kodiċi li għandu jintuża għall-intestatura	Stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli tal-2010, l-2013, u l-2016 Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008	Prospett tal-farm tal-FADN (Ir-Regolament (KE) Nru 868/2008 dwar l-iskeda azjendali [1])
I. Uċuħ tar-raba'		
2.01.01.01.	Qamħ komuni u spelt	120. Qamħ komuni u spelt
2.01.01.02.	Qamħ iebes	121. Qamħ iebes
2.01.01.03.	Segala	122. Xgħir (inkluż il-meslin)
2.01.01.04.	Xgħir	123. Barli
2.01.01.05.	Ħafur	124. Ħafur 125. Taħlitiet ta' ċereali tas-sajf
2.01.01.06.	Żrieragħ tal-qamħirrun	126. Majs tal-qamħ (inkluż majs tal-qamħ umdu)
2.01.01.07.	Ross	127. Ross
2.01.01.99.	Ċereali oħrajn għall-produzzjoni tal-qamħ	128. Ċereali oħrajn
2.01.02.	Pulses mnixxfin u ħxejjex li huma sors tal-proteini għall-produzzjoni taż-żrieragħ (inklużi żerriegħa u taħlitiet ta' pulses u legumii)	129. Uċuħ tar-raba' tal-proteini
2.01.02.01.	Fosthom il-piżelli, il-fażola tal-għelieqi u l-lupin ħelu	360. Piżelli, favetta u lupini ħelwin 361. Għads, ċiċri u ġulbiena 330. Uċuħ tar-raba' oħrajn tal-proteina
2.01.03.	Patata (inklużi patata bikrija u patata żerriegħa)	130. Patata (inklużi patata bikrija u żerriegħa)
2.01.04.	Pitravi taz-zokkor (minbarra ż-żerriegħa)	131. Pitravi taz-zokkor (eskluża ż-żerriegħa)
2.01.05.	Għeruq tal-għalf u l-brassika (minbarra ż-żerriegħa)	144. Għeruq għall-għalf u pjanti tal-ġenus Brassika (eskluži ż-żerriegħa)
2.01.06.01.	Tabakk	134. Tabakk
2.01.06.02.	Ħops	133. Ħops
2.01.06.03.	Qoton	347. Qoton
2.01.06.04.	Rapa u rapa tan-nevew	331. Rapa
2.01.06.05.	Ġirasol	332. Ġirasol
2.01.06.06.	Soja	333. Soja
2.01.06.07.	Żrieragħ taż-żejt tal-kittien	364. Kittien apparti minn kittien tal-fibra
2.01.06.08.	Ħxejjex oħrajn tal-lift	334. Ħxejjex oħrajn tal-lift
2.01.06.09.	Kittien	373. Kittien
2.01.06.10.	Qanneb	374. Qanneb

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tal-produzzjonijiet standard (SOs)		
Il-kodiċi li għandu jintuża għall-intestatura	Stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli tal-2010, l-2013, u l-2016 Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008	Prospett tal-farm tal-FADN (Ir-Regolament (KE) Nru 868/2008 dwar l-iskeda azjendali [1])
2.01.06.11.	Uċuħ tar-raba' fibrużi oħrajn	
2.01.06.12.	Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinari	345. Pjanti mediċinali, aromatiċi, kondimenti u ħwawar, inkluż it-tè, il-kafè u ċ-ċikwejra tal-kafè
2.01.06.99.	Uċuħ tar-raba' oħrajn industrijali li mhux imsemmija band' oħra	346. Uċuħ tar-raba' oħrajn industrijali li mhux imsemmija band' oħra 348. Pjanti industrijali oħrajn
2.01.07.	Ħxejjex friski, bettieħ u frawli li minnhom	
2.01.07.01.	Ta' barra jew taħt kopertura baxxa ta' protezzjoni (mhux aċċessibbli)	
2.01.07.01.01.	Għalqa fil-miftuħ	136. Ħxejjex friski tal-għalqa, bettieħ u frawli mkabbra fil-beraħ
2.01.07.01.02.	Xogħol ta' tkabbir ta' ħxejjex u frott għall-bejgħ	137. Ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra f'ġonna fejn isir bejgħ fil-miftuħ
2.01.07.02.	Taħt il-ħġieġ jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli)	138. Ħaxix frisk, bettieħ u frawli taħt saqaf
2.01.08.	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr għall-mixtla fejn ikunu għadhom żgħar):	
2.01.08.01.	Ta' barra jew taħt kopertura baxxa ta' protezzjoni (mhux aċċessibbli)	140. Fjuri u pjanti ornamentali mkabbra fil-miftuħ (eskluż serer għal tilqim ta' xtieli)
2.01.08.02.	Taħt il-ħġieġ jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli)	141. Fjuri u pjanti oranmentali mkabbra taħt kenn
2.01.09.	Pjanti tal-ħsad bikri	
2.01.09.01.	Ħaxix temporanju	147. Ħaxix temporanju
2.01.09.02.	Pjanti oħrajn tal-ħsad bikri	145. Pjanti oħrajn użati bħala għalf
2.01.09.02.01.	Qamħirrun aħdar	326. Majs użat għall-għalf
2.01.09.02.02. 2.01.09.02.99.	Pjanti leguminużi U Pjanti oħrajn tal-ħsad bikri li m'humiex imsemmija band' oħra	327. Ċereali oħrajn maħżuna f'sajlo U 328. Pjanti oħrajn użati bħala għalf
2.01.10.	Żrieragħ tal-art maħruta u żerriegħa	142. Żrieragħ tal-ħaxix 143. Żrieragħ oħrajn
2.01.11.	Ħxejjex oħra tal-uċuħ oħra tar-raba'	148. Ħxejjex tar-raba' maħrut oħrajn li mhumiex inklużi taħt l-intestaturi 120 sa 147 149. Art lesta għaż-żriegħ mikrija lill-oħrajn, inkluża art li titpoġġa għad-dispożizzjoni ta' impjegati bħala benefiċċju fil-forma ta' oġġett
2.01.12.01.	Art mistrieħa mingħajr ebda sussidju	146. Art mhiex maħduma — Dejta nieqsa għall-Kodiċi 3: Art mhiex maħduma li ma tiħux għajnuna finanzjarja

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tal-produzzjonijiet standard (SOs)		
Il-kodiċi li għandu jintuża għall-intestatura	Stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli tal-2010, l-2013, u l-2016 Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008	Prospett tal-farm tal-FADN (Ir-Regolament (KE) Nru 868/2008 dwar l-iskeda azjendali [1])
2.01.12.02.	Art mistrieħa soġġetta għall-pagamenti ta' sussidji, b' ebda użu ekonomiku	146. Art mhiex maħduma — Dejta nieqsa għall-Kodiċi 8: Art mhiex ikkultivata li ma għadhiex tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni li għaliha l-azjenda hi intitolata għall-għajnuna finanzjarja
2.03.01.	Mergħat u għelieqi tal-ħaxix għajr għal mergħat ħorox	150. Għelieqi u mergħat permanenti
2.03.02.	Mergħat ħorox	151. Għalf mhux fin
2.03.03.	Mergħa permanenti li ma tintużax iktar għal raġunijiet ta' produzzjoni u li hija eliġibbli għall-pagamenti tas-sussidji	314. Art għall-mergħa permanenti li ma għadhiex tintuża għal skopijiet ta' produzzjoni u li hija eliġibbli għall-ħlas ta' sussidji
2.04.01.	Kultivazzjoni ta' frott u berry	152. Msaġar tal-frott u tal-frott żgħir bla għadam
2.04.01.01.	Speċi ta' frott frisk, fosthom	
2.04.01.01.01.	Frott ta' żoni klimatiċi moderati	349. Frott b'karpelli fin-nofs li jagħlqu ż-żerriegħa 350. Frott bl-għadma
2.04.01.01.02.	Frott ta' żoni klimatiċi sottotropikali	353. Frott tropikali u subtropikali
2.04.01.02.	Speċi ta' berry	352. Frott żgħir u frott żgħir mingħajr għadma
2.04.01.03.	Ġewż	351. Ġewż
2.04.02.	Kultivazzjonijiet taċ-ċitru	153. Msaġar tal-frott taċ-ċitru
2.04.03.	Kultivazzjonijiet taż-żebbuġ	154. Ġonna taż-żebbuġ
2.04.03.01.	Li normalment jipproduċi żebbuġ għall-ikel	281. Żebbuġ tal-mejda
2.04.03.02.	Li normalment jipproduċu żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	282. Li normalment jipproduċu żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt 283. Żejt taż-żebbuġa
2.04.04.	Dwieli, li minnhom normalment jipproduċu:	155. Dwieli
2.04.04.01.	Inbid ta' kwalità	286. Għeneb għal inbid ta' kwalità b'Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini (DPO) 292. Għeneb għal inbid ta' kwalità b'Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) 289. Inbid ta' kwalità bid-DPO 294. Inbid ta' kwalità bl-IĠP
2.04.04.02.	Inbejjed oħra	293. Għeneb għal inbid ieħor 288. Prodotti mixxellanji tad-dwieli: most tal-għeneb, meraq, brandi, hall u prodotti oħrajn magħmula fil-farm 295. Inbid ieħor
2.04.04.03.	Għeneb tal-ikel	285. Għeneb tal-mejda
2.04.04.04.	Żbib	291. Żbib
2.04.05.	Mixtliet	157. Mixtliet
2.04.06.	Uċuħ tar-raba' permanenti oħrajn	158. Uċuħ tar-raba' permanenti oħrajn
2.04.07.	Uċuħ tar-raba' permanenti taħt il-ħġieġ	156. Uċuħ tar-raba' permanenti mkabbrin taħt kenn
2.06.01.	Faqqiegħ	139. Faqqiegħ

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tal-produzzjonijiet standard (SOs)		
Il-kodiċi li għandu jintuża għall-intestatura	Stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli tal-2010, l-2013, u l-2016 Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008	Prospett tal-farm tal-FADN (Ir-Regolament (KE) Nru 868/2008 dwar l-iskeda azjendali [1])
II. *Bhejjem*		
3.01.	Equidae	22. Ekwini (kull età)
3.02.01.	Annimali bovini, taħt sena, maskili u femminili	23. Għoġġiela għat-tismin 24. Bovini oħrajn taħt sena
3.02.02.	Annimali bovini, ta' sena iżda iżgħar minn sentejn, maskili	25. Barrin minn sena sa inqas minn sentejn
3.02.03.	Annimali bovini, ta' sena iżda iżgħar minn sentejn, femminili	26. Bovini nisa, minn sena sa inqas minn sentejn
3.02.04.	Annimali bovini maskili, ta' sentejn u iktar	27. Bovini rġiel, ta' sentejn jew iżjed
3.02.05.	Erħiet, ta' sentejn u iktar	28. Erħiet, ta' sentejn u iktar 29. Erħat għat-tismin
3.02.06.	Baqar tal-ħalib	30. Baqar tal-ħalib 31. Baqar tal-ħalib għall-qtil
3.02.99.	Baqar oħrajn	32. Baqar oħrajn
3.03.01.	Nagħaġ (l-etajiet kollha)	
3.03.01.01.	Nagħaġ li jnisslu	40. Nagħaġ nisa
3.03.01.99.	Nagħaġ oħrajn	41. Nagħaġ oħrajn
3.03.02.	Mogħoż (l-etajiet kollha)	
3.03.02.01.	Mogħoż li jnisslu	38. Mogħoż, mogħżiet għat-tgħammir
3.03.02.99.	Mogħoż oħrajn	39. Mogħoż oħrajn
3.04.01.	Qżieqeż b'piż ħaj ta' taħt l-20 kilogramma	43. Qżieqeż
3.04.02.	Majjali femminili li jnisslu li jiżnu 50 kilogramm jew iktar	44. Ħnieżer nisa għat-tgħammir
3.04.99.	Majjali oħrajn	45. Ħnieżer għat-tismin 46. Ħnieżer oħrajn
3.05.01.	Broilers	47. Tiġieġ għall-mejda
3.05.02.	Tiġieġ li jbidu	48. Tiġieġ li jbidu
3.05.03.	Tjur oħrajn	49. Tjur oħrajn
3.05.03.01.	Dundjani	
3.05.03.02.	Papri	
3.05.03.03.	Wiżż	
3.05.03.04.	Nagħam	
3.05.03.99.	Tjur oħrajn, li m'humiex imsemmija band' oħra	
3.06.	Fniek femminili li jnisslu	34. Fniek. Fenkiet għat-tgħammir
3.07.	Naħal	33. Naħal

[1] ĠU L 237, 4.9.2008, p. 18.

II. **Kodiċijiet li jirraggruppaw bosta karatteristiċi inklużi fl-istħarriġ dwar l-istruttura tal-farms tal-2010, l-2013 u l-2016.**

P45. *Baqar, tal-ħalib* = 3.02.01. (annimali bovini taħt sena, maskili u femminili)) + 3.02.03. (annimali bovini, ta' sena iżda iżgħar minn sentejn, femminili) + 3.02.05. (erħiet ta' sentejn u iktar) + 3.02.06. (baqar tal-ħalib).

P46. *Baqar* = P45 (baqar tal-ħalib) + 3.02.02. (annimali bovini, ta' sena iżda iżgħar minn sentejn, maskili) + 3.02.04. (annimali bovini maskili ta' sentejn u iktar) + 3.02.99. (baqar oħrajn).

GL *Bhejjem li jirgħu* = 3.01. (equidae) + P46 (baqar) + 3.03.01.01. (nagħaġ li jnisslu) + 3.03.1.99 (nagħaġ oħrajn) + 3.03.02.01. (mogħoż li jnisslu) + 3.03.02.99. (mogħoż oħrajn)

Jekk GL=0 FCP1 *Għalf għall-bejgħ* = 2.01.05. (għeruq tal-għalf u l-brassika) + 2.01.09.(pjanti tal-ħsad bikri) + 2.03.01. (mergħat u għelieqi tal-ħaxix għajr għal mergħat ħorox) + 2.03.02. (Mergħat ħorox)

FCP4 *Għalf għall-bhejjem li jirgħu* = 0

P17 *Għeruq* = 2.01.03. (patata) + 2.01.04. (pitravi taz-zokkor) + 2.01.05. (għeruq tal-għalf u l-brassika)

Jekk GL>0 FCP1 *Għalf għall-bejgħ* = 0

FCP4 *Għalf għall-bhejjem li jirgħu* = 2.01.05. (għeruq tal-għalf u l-brassika) + 2.01.09. (pjanti tal-ħsad bikri) + 2.03.01. (mergħat u għelieqi tal-ħaxix għajr għal mergħat ħorox) + 2.03.02. (Mergħat ħorox)

P17 *Għeruq* = 2.01.03. (patata) + 2.01.04. (pitravi taz-zokkor)

P151. *Ċereali mingħajr ross* = 2.01.01.01. (qamħ komuni u spelt) + 2.01.01.02. (qamħ iebes) + 2.01.01.03. (segala) + 2.01.01.04. (xgħir) + 2.01.01.05. (ħafur) + 2.01.01.06. (żrieragħ tal-qamħirrun) + 2.01.01.99. (ċereali oħrajn għall-produzzjoni tal-qamħ)

P15. *Ċereali* = P151 (ċereali mingħajr ross) + 2.01.01.07. (ross)

P16. *Żrieragħ taż-żejt* = 2.01.06.04. (Rapa u rapa tan-nevew) + 2.01.06.05. (ġirasol) + 2.01.06.06. (soja) + 2.01.06.07. (żrieragħ taż-żejt tal-kittien)0 + 2.01.06.08. (ħxejjex oħrajn tal-lift)

P51. *Ħnieżer* = 3.04.01. (qżieqeż b'piż ħaj ta' taħt l-20 kilogramma) + 3.04.02. (majjali femminili li jnisslu li jiżnu 50 kilogramma jew iktar) + 3.04.99. (majjali oħrajn).

P52. *Tjur* = 3.05.01. (broilers) + 3.05.02. (tiġieġ li jbidu) + 3.05.03. (tjur oħrajn).

P1. *Uċuħ ġenerali* = P15 (ċereali) + 2.01.02. (pulses imnixxfin u ħxejjex li huma sors tal-proteini għall-produzzjon taż-żrieragħ) + 2.01.03. (patata) + 2.01.04. (pitravi taz-zokkor) + 2.01.06.01. (tabakk) + 2.01.06.02. (ħops) + 2.01.06.03. (qoton) + P16 (żrieragħ taż-żejt) + 2.01.06.09. (kittien) + 2.01.06.10. (qanneb) + 2.01.06.11. (uċuħ tar-raba' fibrużi oħrajn) + 2.01.06.12. (pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinari) + 2.01.06.99. (uċuħ tar-raba' oħrajn industrijali li mhux msemmija band' oħra) + 2.01.07.01.01. (ħxejjex friski, bettieħ, u frawli – ta' barra jew taħt kopertura baxxa ta' protezzjoni (mhux aċċessibbli) – għalqa fil-miftuħ) + 2.01.10. (żrieragħ tal-art maħruta u żerriegħa) + 2.01.11. (ħxejjex oħrajn tal-uċuħ oħra tar-raba') + 2.01.12.01. (art mistrieħa minħajr ebda sussidju) + FCP1 (għalf għall-bejgħ)

P2. *Ortikultura* = 2.01.07.01.02. xogħol ta' tkabbir ta' ħxejjex u frott għall-bejgħ taħt il-ħġieġ jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli) – kultivazzjoni għas-suq) + 2.01.07.02. (ħxejjex friski, bettieħ, frawli – taħt il-ħġieġ jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli) + 2.01.08.01. (fjuri u pjanti ornamentali – ta' barra jew taħt kopertura baxxa ta' protezzjoni (mhux aċċessibbli)) + 2.01.08.02. (fjuri u pjanti ornamentali – taħt il-ħġieġ jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli)) + 2.06.01. (faqqieġħ) + 2.04.05. (mixtliet)

P3. *Uċuħ permanenti* = 2.04.01. (Kultivazzjonijiet ta' frott u frott żgħir bla għadma)+ 2.04.02. (Kultivazzjonijiet taċ-ċitru) + 2.04.03. (kultivazzjonijiet ta' żebbuġ) + 2.04.04. (dwieli) + 2.04.06. (uċuħ tar-raba' permanenti oħrajn) + 2.04.07. (uċuħ tar-raba' permanenti taħt il-ħġieġ)

P4. *Bhejjem li jirgħu u li jieħdu l-għalf* = GL (bhejjem li jirgħu) + FCP4 (għalf għall-bhejjem li jirgħu)

P5. *Granivori* = P51 (ħnieżer)+ P52 (tjur)+ 3.06. (fniek femminili li jnisslu)

C. DEFINIZZJONI TA' TIPI TA'BIEDJA

It-tipi ta' biedja huma ddefiniti minn żewġ fatturi:

(a) **In-natura tal-karatteristiċi kkonċernati**

Il-karatteristiċi jirreferu għal-lista ta' karatteristiċi mistħarrġa fl-istħarriġ tal-2010, l-2013 u l-2016 dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli: huma indikati bl-użu tal-kodiċijiet ippreżentati fit-tabella ta' korrispondenza fil-Parti B.I ta' dan l-Anness jew inkella b'kodiċi li tirraggruppa bosta minn dawk il-karatteristiċi kif imfissra fil-Parti B.II ta' dan l-Anness [1].

(b) **Il-limiti li jiddeterminaw il-konfini tal-klassi**

Għajr jekk indikat mod ieħor, dawn il-limiti huma espressi bħala frazzjonijiet tal-produzzjoni totali standard tal-azjenda.

[1] Il-karatteristiċi 2.01.05. (Għeruq tal-għalf u l-brassika), 2.01.09. (Pjanti tal-ħsad bikri), 2.01.12.01. (Art mistrieħa mingħajr ebda sussidju), 2.01.12.02. (art mistrieħa soġġetta għall-pagamenti ta' sussidji, b' ebda użu ekonomiku), 2.02. (Art għal kultivazzjoni domestika), 2.03.01. (Mergħat u għelieqi tal-ħaxix għajr għal mergħat ħorox), 2.03.02. (Mergħat ħorox), 2.03.03. (mergħa permanenti li ma tintużax iktar għal raġunijiet ta' produzzjoni u li hija eliġibbli għall-pagamenti tas-sussidji), 3.02.01. (annimali bovini, taħt sena, maskili u femminili), 3.03.01.99. (nagħaġ oħrajn), 3.03.02.99. (mogħoż oħrajn) u 3.04.01. (Qżieqeż b'piż ħaj ta' taħt l-20 kg) jintagħżlu biss taħt ċerti kundizzjonijiet (ara l-punt 5 tal-Anness IV).

Azjendi speċjalizzati – uċuħ tar-raba'

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
1	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqispeċjalizzati					Uċuħ tar-raba' ġenerali jiġifieri ċereali, pulses imnixxfin u wċuħ tar-raba' tal-proteini għall-produzzjoni ta' qamħ, żrieragħ taż-żejt, patata, pitravi taz-zokkor, pjanti industrijali, ħxejjex friski, bettieħ, frawli fil-miftuħ, żerriegħa u nebbitiet ta' art maħruta, art li tinħadem oħra, art imserrħa u għalf għall-bejgħ > 2/3	P1 > 2/3
		15	Ċereali, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba' tal-proteini speċjalizzati			Ċereali, żrieragħ taż-żejt, pulses imnixxfin u wċuħ tar-raba' tal-proteini > 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. > 2/3
				151	Ċereali (apparti r-ross), żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba' tal-proteini speċjalizzati	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, pulses imnixxfin u wċuħ tar-raba' tal-proteini > 2/3	P151 + P16 + 2.01.02. > 2/3
				152	Ross speċjalizzat	Ross > 2/3	2.01.01.07. > 2/3
				153	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, uċuħ tar-raba' tal-proteini u ross flimkien	Azjendi tal-klassi 15, esklużi dawk tal-klassijiet 151 u 152	
		16	Uċuħ tar-raba' ġenerali			Uċuħ tar-raba' ġenerali > 2/3; ċereali, żrieragħ taż-żejt, pulses imnixxfin u wċuħ tar-raba' tal-proteini ≤ 2/3	P15 + P16 + 2.01.02. ≤ 2/3
				161	Uċuħ tar-raba' tal-għeruq speċjalizzati	Patata, pitravi taz-zokkor u għeruq tal-għalf u l-brassika > 2/3	P17 > 2/3
				162	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, u wċuħ tar-raba' tal-proteini u tal-għeruq flimkien	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, pulses imnixxfin u wċuħ tar-raba' tal-proteini > 1/3; għeruq > 1/3	P15 + P16 + 2.01.02. > 1/3; P17 > 1/3
				163	Ħxejjex tar-raba' speċjalizzati	Ħxejjex friski, bettieħ u frawli fil-miftuħ > 2/3	2.01.07.01.01. > 2/3
				164	Tabakk speċjalizzat	Tabakk > 2/3	2.01.06.01. > 2/3
				165	Qoton speċjalizzat	Qoton > 2/3	2.01.06.03. > 2/3
				166	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi diversi flimkien	Azjendi tal-klassi 16 esklużi dawk tal-klassijiet 161, 162, 163, 164 u 165	
2	Ortikultura speċjalizzata					Ħxejjex friski, bettieħ u frawli – xogħol ta' tkabbir ta' ħxejjex u frott għall-bejgħ u taħt il-ħġieġ u fjuri u pjanti ornamentali – ta' barra u taħt il-ħġieħ, faqqiegħ u mixtliet > 2/3	P2 > 2/3
		21	Ortikultura speċjalizzata ta' ġewwa			Ħxejjex friski, bettieħ u frawli – taħt il-ħġieg u fjuri u pjanti ornamentali taħt il-ħġieg > 2/3	2.01.07.02. + 2.01.08.02. > 2/3

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
				211	Ħxejjex speċjalizzati ta' ġewwa	Ħxejjex friski, bettieħ u frawli – taħt il-ħġieġ > 2/3	2.01.07.02. > 2/3
				212	Fjuri u pjanti ornamentali speċjalizzati ta' ġewwa	Fjuri u pjanti ornamentali taħt il-ħġieġ > 2/3	2.01.08.02. > 2/3
				213	Ortikultura speċjalizzata mħallta ta' ġewwa	Azjendi tal-klassi 21, eskluži dawk tal-klassijiet 211 u 212	
		22	Ortikultura speċjalizzata ta' barra			Ħxejjex friski, bettieħ u frawli – xogħol ta' tkabbir ta' ħxejjex u frott għall-bejgħ, fjuri u pjanti ornamentali ta' barra > 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. > 2/3
				221	Ħxejjex speċjalizzati ta' barra	Ħxejjex friski, bettieħ u frawli xogħol ta' tkabbir ta' ħxejjex u frott għall-bejgħ > 2/3	2.01.07.01.02. > 2/3
				222	Fjuri u pjanti ornamentali speċjalizzati ta' barra	Fjuri u pjanti ornamentali ta' barra > 2/3	2.01.08.01. > 2/3
				223	Ortikultura mħallta speċjalizzata ta' barra	Azjendi tal-klassi 22, eskluži dawk tal-klassijiet 221 u 222	
		23	Ortikultura oħra			Azjendi ortikulturali b'ortikultura ta' ġewwa ≤ 2/3 u b'ortikultura ta' barra ≤ 2/3	2.01.07.01.02. + 2.01.08.01. ≤ 2/3; 2.01.07.02. + 2.01.08.02. ≤ 2/3
				231	Faqqiegħ speċjalizzat	Faqqiegħ > 2/3	2.06.01. > 2/3
				232	Mixtliet speċjalizzati	Mixtliet > 2/3	2.04.05. > 2/3
				233	Ortikultura diversa	Azjendi tal-klassi 23, eskluži dawk tal-klassijiet 231 u 232	
3	Uċuħ tr-raba' permanenti speċjalizzati					Kultivazzjonijiet tal-frott u ta' frott żgħir bla għadma,msaġar taċ-ċitru, żebbuġ, dwieli, uċuħ tar-raba' permanenti oħrajn u uċuħ tar-raba' permanenti taħt il-ħġieġ > 2/3	P3 > 2/3
		35	Dwieli speċjalizzati			Dwieli > 2/3	2.04.04. > 2/3
				351	Inbid ta' kwalità speċjalizzat	Dwieli li normalment jipproduċu inbid ta' kwalità > 2/3	2.04.04.01. > 2/3
				352	Inbid speċjalizzat apparti minn inbid ta' kwalità	Dwieli li normalment jipproduċu inbid ieħor> 2/3	2.04.04.02. > 2/3
				353	Għeneb tal-mejda speċjalizzat	Dwieli li normalment jipproduċu għeneb tal-mejda > 2/3	2.04.04.03. > 2/3
				354	Dwieli oħrajn	Azjendi tal-klassi 35, eskluži dawk tal-klassijiet 351, 3512 u 353	

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
		36	Frott u frott taċ-ċitru speċjalizzati			Frott u frott żgħir bla għadma u frott taċ-ċitru > 2/3	2.04.01. + 2.04.02. > 2/3
				361	Frott speċjalizzat (apparti minn ċitru, frott tropikali jew ġewż)	Frott ta' żoni klimatiċi moderati u berry> 2/3	2.04.01.01.01. + 2.04.01.02. > 2/3
				362	Frott taċ-ċitru speċjalizzat	Frott taċ-ċitru > 2/3	2.04.02. > 2/3
				363	Ġewż speċjalizzat	Ġewż > 2/3	2.04.01.03. > 2/3
				364	Frott tropikali speċjalizzat	Frott tropikali > 2/3	2.04.01.01.02. > 2/3
				365	Frott speċjalizzat, ċitru, frott tropikali u ġewż produzzjoni mħallta	Azjendi tal-klassi 36, eskluż dawk tal-klassijiet 361, 362, 363 u 364	
		37	Żebbuġ speċjalizzat	370	Żebbuġ speċjalizzat	Żebbuġ > 2/3	2.04.03. > 2/3
		38	Uċuħ tar-raba' permanenti diversii flimkien	380	Uċuħ tar-raba' permanenti diversi flimkien	Azjendi tal-klassi 3, eskluż dawk tal-klassijiet 35, 36 u 37	

Azjendi speċjalizzati – produzzjoni tal-annimali

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
4	Merħliet li jirgħu speċjalizzati					Għalf għall-merħliet li jirgħu (jiġifieri għeruq għall-għalf u brassika, pjanti maħsuda bikrin, mergħat u għelieqi tal-ħaxix, merġat ħorox) u merħliet li jirgħu (jiġifieri ekwidi, it-tipi kollha ta' baqar, nagħaġ u mogħoż) > 2/3	P4 > 2/3
		45	Baqar tal-ħalib speċjalizzati			Baqar tal-ħalib > 3/4 tat-total tal-merħliet li jirgħu; merħliet li jirgħu > 1/3 tal-merħliet li jirgħu u tal-għalf	3.02.06. > 3/4 GL; GL > 1/3 P4
		46	Baqar speċjalizzati - trobbija u simna			Il-baqar kollha (jiġifieri annimali bovini ta' taħt sena, annimali bovini ta' iżjed minn sena iżda iżgħar minn sentejn u annimali bovini ta' sentejn u ikbar (maskili, erħiet, baqar tal-ħalib u baqar oħrajn)) > 2/3 tal-merħliet li jirgħu; baqar tal-ħalib ≤ 1/10 tal-merħliet li jirgħu; merħliet li jirgħu > 1/3 tal-merħliet li jirgħu u tal-għalf	P46 > 2/3 GL; 3.02.06. ≤ 1/10 GL; GL > 1/3 P4

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
		47	Baqar – tal-ħalib, trobbija u simna flimkien			Il-baqar kollha > 2/3 tal-merħliet li jirgħu; baqar tal-ħalib > 1/10 ta' merħliet li jirgħu; merħliet li jirgħu > 1/3 ta' merħliet li jirgħu u tal-għalf; eskluži dawk l-azjendi tal-klassi 45	P46 > 2/3 GL; > 1/10 GL; GL > 1/3 P4 eskluż 45
		48	Nagħaġ, mogħoż u merħliet li jirgħu oħrajn			Il-baqar kollha ≤ 2/3 tal-merħliet li jirgħu	P46 ≤ 2/3
				481	Nagħaġ speċjalizzati	Nagħaġ > 2/3 tal-merħliet li jirgħu; merħliet li jirgħu > 1/3 tal-merħliet li jirgħu u tal-għalf	3.03.01. > 2/3 GL; GL > 1/3 P4
				482	Nagħaġ u baqar flimkien	Il-baqar kollha > 1/3 tal-merħliet li jirgħu, nagħaġ > 1/3 tal-merħliet li jirgħu u merħliet li jirgħu > 1/3 tal-merħliet li jirgħu u tal-għalf	P46 > 1/3 GL; 3.03.01. > 1/3 GL; GL > 1/3 P4
				483	Mogħoż speċjalizzati	Mogħoż > 2/3 tal-merħliet li jirgħu; merħliet li jirgħu > 1/3 tal-merħliet li jirgħu u tal-għalf	3.03.02. > 2/3 GL; GL > 1/3 P4
				484	Merħliet li jirgħu diversi	Azjendi tal-klassi 48, eskluži dawk tal-klassijiet 481, 482 u 483	
5	Granivori speċjalizzati					Granivori jiġifieri Ħnieżer (jiġifieri qżieqeż, ħnieżer femminili għat-tnissil, ħnieżer oħrajn), tjur (jiġifieri broilers, tiġieġ li jbidu, tjur oħrajn) u fenkiet għat-tgħammir > 2/3	P5 > 2/3
		51	Ħnieżer speċjalizzati			Ħnieżer> 2/3	P51 > 2/3
				511	Trobbija tal-ħnieżer speċjalizzata	Ħnieżer femminili li jnisslu - > 2/3	3.04.02. > 2/3
				512	Simna tal-ħnieżer speċjalizzata	Qżieqeż u ħnieżer oħrajn> 2/3	3.04.01. + 3.04.99. > 2/3
				513	Trobbija u simna tal-ħnieżer flimkien	Azjendi tal-klassi 51, eskluži dawk tal-klassijiet 511 u 512	
		52	Tjur speċjalizzati			Tjur > 2/3	P52 > 2/3
				521	Tiġieġ li jbidu speċjalizzati	Tiġieg li jbidu> 2/3	3.05.02. > 2/3
				522	Laħam tat-tjur speċjalizzat	Broilers u tjur oħrajn > 2/3	3.05.01. + 3.05.03. > 2/3
				523	Tiġieġ li jbidu u laħam tat-tjur flimkien	Azjendi tal-klassi 52, eskluži dawk tal-klassijiet 521 u 522	
		53	Granivori diversi flimkien			Azjendi tal-klassi 5, eskluži dawk tal-klassijiet 51 u 52	

Azjendi mħallta

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
6	Uċuħ tar-raba' mħallta	61	Uċuħ tar-raba' mħallta			Uċuħ tar-raba' ġenerali u ortikultura u wċuħ tar-raba' permanenti > 2/3 iżda {uċuħ tar-raba' ġenerali ≤ 2/3 u ortikultura ≤ 2/3 u wċuħ tar-raba' permanenti ≤ 2/3 }	(P1 + P2 + P3) > 2/3; P1 ≤ 2/3; P2 ≤ 2/3; P3 ≤ 2/3
				611	Ortikultura u wċuħ tar-raba' permanenti flimkien	Ortikultura > 1/3; uċuħ tar-raba' permanenti > 1/3	P2 > 1/3; P3 > 1/3
				612	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi u ortikultura flimkien	Uċuħ tar-raba' ġenerali > 1/3; ortikultura > 1/3	P1 > 1/3; P2 > 1/3
				613	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi u dwieli flimkien	Uċuħ tar-raba' ġenerali > 1/3; Dwieli > 1/3	P1 > 1/3; 2.04.04.> 1/3
				614	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi u wċuħ permanenti flimkien	Uċuħ tar-raba' ġenerali > 1/3; uċuħ tar-raba' permanenti > 1/3; dwieli ≤ 1/3	P1 > 1/3; P3 > 1/3; 2.04.04.≤ 1/3
				615	Uċuħ tar-raba' imħallta, primarjament uċuħ tar-raba' tal-għelieqi	Uċuħ tar-raba' ġenerali > 1/3; l-ebda attività oħra > 1/3	P1 > 1/3; P2 ≤ 1/3; P3 ≤ 1/3;
				616	Uċuħ tar-raba' mħallta oħrajn	Azjendi tal-klassi 61, eskluż dawk tal-klassijiet 611, 612, 613, 614 u 615	
7	Azjendi b'annimali ħajjin imħallta					Merħliet li jirgħu u għalf u granivori > 2/3; merħliet li jirgħu u għalf > 2/3 granivori ≤ 2/3	P4 + P5 > 2/3; P4 ≤ 2/3; P5 ≤ 2/3
		73	Annimali ħajjin imħallta, primarjament merħliet li jirgħu			Merħliet li jirgħu u għalf > granivori	P4 > P5
				731	Annimali ħajjin imħallta, primarjament baqar tal-ħalib	Baqar, tal-ħalib > 1/3 tal-merħliet li jirgħu; baqar tal-ħalib > 1/2 tal-baqar tal-ħalib	P45 > 1/3 GL; 3.02.06. > 1/2 P45;
				732	Annimali ħajjin imħallta, primarjament merħliet mhumiex tal-ħalib li jirgħu	Azjendi tal-klassi 73, eskluż dawk tal-klassi 731	
		74	Annimali ħajjin imħallta, primarjament granivori			Merħliet li jirgħu u għalf ≤ Granivori	P4 ≤ P5
				741	Annimali ħajjin imħallta: granivori u baqar tal-ħalib	Baqar, tal-ħalib > 1/3 tal-merħliet li jirgħu; granivori > 1/3, baqar tal-ħalib > 1/2 tal-baqar, tal-ħalib	P45 > 1/3 GL; P5 > 1/3; 3.02.06. > 1/2 P45
				742	Annimali ħajjin imħallta: granivori, u merħliet li mhumiex tal-ħalib li jirgħu	Azjendi tal-klassi 74, eskluż dawk tal-klassi 741	

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
8	Uċuħ tar-raba' mħallta – annimali ħajjin					Azjendi eskluži mill-klassijiet 1 sa 7	
		83	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi – merħliet li jirgħu flimkien			Uċuħ tar-raba' ġenerali > 1/3; merħliet li jirgħu u għalf > 1/3	P1 > 1/3; P4 > 1/3
				831	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi flimkien ma' baqar tal-ħalib	Baqar, tal-ħalib > 1/3 tal-merħliet li jirgħu; baqar tal-ħalib > 1/2 tal-baqar tal-ħalib; baqar, tal-ħalib < uċuħ tar-raba' ġenerali	P45 > 1/3 GL; 3.02.06. > 1/2 P45; P45 < P1
				832	Baqar tal-ħalib flimkien ma' uċuħ tar-raba' tal-għelieqi	Baqar, tal-ħalib > 1/3 tal-merħliet li jirgħu; baqar tal-ħalib > 1/2 tal-baqar tal-ħalib; baqar, tal-ħalib ≥ uċuħ tar-raba' ġenerali	P45 > 1/3 GL; 3.02.06. > 1/2 P45; P45 ≥ P1
				833	Uċuħ tar-raba' tal-għelieqi flimkien ma' merħliet li mhumiex tal-ħalib li jirgħu	Uċuħ tar-raba' ġenerali > merħliet li jirgħu u għalf, eskluż azjendi tal-klassi 831	P1 > P4; eskluż 831
				834	Bhejjem li mhumiex tal-ħalib li jirgħu flimkien ma' uċuħ tar-raba' tal-għelieqi	Azjendi tal-klassi 83, eskluż dawk l-azjendi tal-klassijiet 831, 832 u 833	
		84	Uċuħ tar-raba' diversii u annimali ħajjin flimkien			Azjendi tal-klassi 8, eskluż dawk tal-klassi 83	
				841	Uċuħ tar-raba' u granivori flimkien	Uċuħ tar-raba' ġenerali > 1/3; granivori > 1/3	P1 > 1/3; P5 > 1/3
				842	Uċuħ tar-raba' permanenti u merħliet li jirgħu flimkien	Uċuħ tar-raba' permanenti > 1/3; merħliet li jirgħu u għalf > 1/3	P3 > 1/3; P4 > 1/3
				843	Apikultura	Naħal > 2/3	3.7. > 2/3
				844	Uċuħ tar-raba' diversi mħallta u annimali ħajjin	Azjendi tal-klassi 84, eskluż dawk tal-klassijiet 841, 842 u 843	

Azjendi li mhumiex ikklassifikati

Tipi ta' biedja						Definizzjoni	Kodiċi ta' karatteristiċi u limiti (ref. Il-Parti B ta' dan l-Anness)
Ġenerali		Prinċipali		Partikolari			
Kodiċi		Kodiċi		Kodiċi			
9	Azjendi li mhumiex klassifikati					Azjendi li mhumiex klassifikati	Produzzjoni Totali Standard = 0

ANNESS II

ID-DAQS EKONOMIKU TAL-AZJENDI

A. ID-DAQS EKONOMIKU TAL-AZJENDA

Id-daqs ekonomiku ta' azjenda jitkejjel bħala l-valur tal-produzzjoni totali standard tal-azjenda espress f'Euro.

B. IL-KLASSIJIET TA' DAQS EKONOMIKU TAL-AZJENDI

L-azjendi huma kklassifikati skont il-kategoriji tad-daqs, li l-limiti tagħhom huma stabbiliti hawn taħt.

Kategoriji	Limiti f'Euro
I	inqas minn EUR 2 000
II	minn EUR 2 000 sa inqas minn EUR 4 000
III	minn EUR 4 000 sa inqas minn EUR 8 000
IV	minn EUR 8 000 sa inqas minn EUR 15 000
V	minn EUR 15 000 sa inqas minn EUR 25 000
VI	minn EUR 25 000 sa inqas minn EUR 50 000
VII	minn EUR 50 000 sa inqas minn EUR 100 000
VIII	minn EUR 100 000 sa inqas minn EUR 250 000
IX	minn EUR 250 000 sa inqas minn EUR 500 000
X	minn EUR 500 000 sa inqas minn EUR 750 000
XI	minn EUR 750 000 sa inqas minn EUR 1 000 000
XII	minn EUR 1 000 000 sa inqas minn EUR 1 500 000
XIII	minn EUR 1 500 000 sa inqas minn EUR 3 000 000
XIV	daqs jew aktar minn EUR 3 000 000

Ir-regoli stabbiliti għall-applikazzjoni fil-qasam tan-netwerk ta' informazzjoni dwar il-kontabbiltà tal-farms u l-istħarriġiet Komunitarji dwar l-azjendi agrikoli jistgħu jipprovdu li l-klassijiet tad-daqs nri IV u V, VIII u IX, X u XI, minn XII sa XIV jew minn X sa XIV jiġu raggruppati flimkien.

L-Istati Membri, huma u jimplimentaw l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 79/65/KEE, għandhom jiffissaw limitu għad-daqs ekonomiku ta' azjenda għall-qasam tal-istħarriġ tan-netwerk ta' informazzjoni dwar il-kontabbiltà tal-farms li jaqbel eżatt mal-limiti tal-klassijiet tad-daqs kif jidhru hawn fuq.

ANNESS III

L-ATTIVITAJIET L-OĦRAJN TA' QLIGĦ LI HUMA RELATATI DIRETTAMENT MAL-AZJENDA

A. DEFINIZZJONI TAL-ATTIVITAJIET L-OĦRAJN TA' QLIGĦ RELATATI DIRETTAMENT MAL-AZJENDA

L-attivitajiet bi qligħ li huma direttament relatati mal-istabbiliment għajr l-attivitajiet agrikoli tiegħu jinkludu l-attivitajiet kollha, ħlief għax-xogħol tal-farm, li huma direttament relatati mal-istabbiliment u li għandhom impatt ekonomiku fuqu. Dawn huma attivitajiet fejn jintużaw jew ir-riżorsi tal-azjenda (l-erja, il-bini, il-makkinarju, il-prodotti agrikoli, eċċ.) jew il-prodotti tal-azjenda.

B. STIMA TAL-IMPORTANZA TAL-ATTIVITAJIET L-OĦRAJN TA' QLIGĦ (OGA) RELATATI DIRETTAMENT MAL-AZJENDA

Is-sehem tal-attivitajiet l-oħrajn ta' qligħ (OGA) relatat direttament mal-azjenda fil-produzzjoni finali tagħha huwa stmat bħala s-sehem tal-OGA relatat direttament mal-fatturat tal-azjenda fil-fatturat totali tagħha (inkluż il-pagamenti diretti) kif ġej:

$$\text{PROPORZJON} = \frac{\text{Fatturat tal-OGA relatat direttament mal-azjenda}}{\text{Fatturat totali tal-azjenda (agrikoltura + OGA relatati direttament mal-azjenda) + pagamenti diretti}}$$

C. KATEGORIJI LI JIRRIFLETTU L-IMPORTANZA TAL-OGA RELATATI DIRETTAMENT MAL-AZJENDA

L-azjendi huma kklassifikati f'kategoriji li jirriflettu l-importanza tal-OGA relatati direttament mal-azjenda fil-produzzjoni finali, li l-limiti tagħhom huma stabbiliti kif ġej.

Kategoriji	Limiti f'perċentwali
I	Minn 0% sa 10%
II	Minn 'il fuq minn 10% sa 50%
III	Minn 'il fuq minn 50% sa inqas minn 100%

ANNESS IV

PRODUZZJONIJIET STANDARD (SOs)

1. DEFINIZZJONI TAL-SOs U L-PRINĊIPJI GĦALL-KALKOLU TAGĦHOM

(a) **Il-produzzjoni** ta' karatteristika agrikola tfisser il-valur monetarju tal-produzzjoni agrikola grossa bil-prezz ta' hekk kif titlaq mill-farm.

Il-produzzjoni standard (SO) tfisser il-valur tal-produzzjoni li jikkorrispondi mas-sitwazzjoni medja f'ċertu reġjun għal kull karatteristika agrikola.

(b) **Il-produzzjoni** hija s-somma tal-valur tal-prodott(i) prinċipali u tal-prodott(i) sekondarju/i.

Il-valuri huma kkalkulati billi l-produzzjoni għal kull unità tiġi mmultiplikata bil-prezz ta' hekk kif titlaq mir-razzelt. Il-VAT, it-taxxi fuq il-prodotti u l-pagamenti diretti ma humiex inklużi.

(c) **Il-perjodu ta' produzzjoni**

L-SOs jikkorrispondu għal perjodu ta' produzzjoni ta' 12-il xahar (sena kalendarja jew sena ta' produzzjoni agrikola).

Għall-prodotti tal-uċuħ u tal-bhejjem li għalihom il-perjodu ta' produzzjoni huwa inqas minn 12-il xahar jew li jaqbiżhom, tiġi kkalkulata SO li tikkorrispondi għat-tkabbir jew għall-produzzjoni fi 12-il xahar.

(d) **Id-dejta bażika u l-perjodu ta' referenza**

L-SOs huma ddeterminati bl-użu tal-elementi msemmija fil-punt (b). Għal dan il-għan, id-dejta bażika tinġabar fl-Istati Membri għal perjodu ta' referenza li jkopri ħames snin kalendarji jew ħames snin ta' produzzjoni agrikola suċċessivi. Il-perjodu ta' referenza huwa l-istess għal kull Stat Membru, u jiġi ffissat mill-Kummissjoni. Pereżempju, l-S0s li jikkorrispondu għall-perjodu ta' referenza "2007" jkopru s-snin kalendarji 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 jew is-snin ta' produzzjoni agrikola 2005/06, 2006/07, 2007/08, 2008/09 u 2009/10.

(e) **L-unitajiet**

(1) *L-unitajiet fiżiċi:*

(a) L-SOs għall-karatteristiċi tal-uċuħ jiġu ddeterminati abbażi tal-erja espressa f'ettari.

Għall-faqqiegħ, madankollu, l-SOs jiġu ddeterminati abbażi tal-produzzjoni grossa għall-ħsad annwali suċċessiv kollu u jiġu espressi għal kull 100 m ta' erja bl-uċuħ. Biex jintużaw fil-kuntest tan-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-irziezet, l-SOs, iddeterminati b'dan il-mod, jiġu diviżi bl-għadd ta' ħsad annwali suċċessiv, u tali numru jiġi kkomunikat mill-Istati Membri.

(b) L-SOs li jirrigwardaw il-karatteristiċi tal-bhejjem jiġu ddeterminati mill-irjus tal-bhejjem, għajr għat-tjur, li għalihom jiġu ddeterminati f'terminu ta' kull 100 ras, u għan-naħal, li għalihom jiġu ddeterminati f'terminu ta' kull xehda.

(2) *L-unitajiet monetarji u l-eqreb kalkolu*

Id-dejta bażika biex jiġu ddeterminati l-SOs u l-SOs ikkalkulati huma stabbiliti f'Ewro. Għall-Istati Membri li ma humiex jieħdu sehem fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, l-SOs huma kkonvertiti fl-Ewro bl-użu tar-rati medji tal-kambju għall-perjodu ta' referenza kif iddefinit fil-punt 1(d) ta' dan l-Anness. Dawn ir-rati huma kkomunikati mill-Kummissjoni lil dawn l-Istati Membri.

L-SOs jistgħu jitqarrbu lejn l-eqreb EUR 5 meta jkun xieraq.

2. TQASSIM TAL-SOs

(a) **Skont il-karatteristiċi tal-uċuħ u tal-bhejjem**

L-SOs jiġu ddeterminati għall-karatteristiċi agrikoli kollha li jikkorrispondu għall-intestaturi tal-istħarriġiet Komunitarji dwar l-istruttura tal-irziezet bil-mod stabbilit f'dawk l-istħarriġiet.

(b) **Tqassim ġeografiku**

— L-SOs jiġu ddeterminati għall-inqas abbażi ta' unitajiet ġeografiċi li huma kompatibbli ma' dawk użati għall-istħarriġiet Komunitarji dwar l-istruttura tal-irziezet u għan-Netwerk ta' Informazzjoni dwar il-Kontabbiltà tal-irziezet. Żoni aktar żvantaġġati jew żoni bil-muntanji mhumiex ikkunsidrati bħala unità ġeografika.

— L-ebda SO ma jiġi ddeterminat għal karatteristiċi li mhumiex imwettqa fir-reġjun ikkonċernat.

3. IL-ĠBIR TAD-DEJTA GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-SOs

(a) Id-dejta bażika għad-determinazzjoni tal-SOs tiġġedded għall-inqas kull darba li jsir stħarriġ dwar l-istruttura tal-irziezet, li jitwettaq f'forma ta' ċensiment.

(b) L-SOs jiġu aġġornati bejn stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura tal-farms f'forma ta' ċensiment u ieħor, kull darba li jsir stħarriġ dwar l-istruttura tal-irziezet. Dan l-aġġornament isir billi:

— jew tiġġedded id-dejta bażika b'mod simili għal dak speċifikat taħt il-punt (a),

— jew bl-użu ta' metodu ta' kalkolu li bih l-SO ikun jista' jiġi aġġornat. Il-prinċipji li japplikaw għal metodu bħal dan huma stabbiliti fuq livell Komunitarju.

4. L-EŻEKUZZJONI

L-Istati Membri huma responsabbli, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, għall-ġbir tad-dejta bażika meħtieġa għall-kalkolu tal-SOs u sabiex dawn jiġu kkalkulatai biex jinbidlu f'Ewro u għall-ġbir tad-dejta meħtieġa għall-applikazzjoni tal-metodu ta' aġġornament, jekk ikun xieraq.

5. IT-TRATTAMENT TA' KAŻIJIET SPEĊJALI

Ir-regoli speċjali li ġejjin huma stabbiliti għall-kalkolu tal-SOs għal ċerti tipi ta' karatteristiċi.

(a) **Art imserrħa mingħajr ebda sussidju**

L-SO relatat ma' art imserrħa mingħajr ebda sussidju jitqies meta jkun qed jiġi kkalkulat l-SO totali tal-azjenda biss meta jkun hemm SOs pożittivi oħrajn fl-azjenda.

(b) **Art imserrħa suġġetta għall-pagament ta' sussidji, mingħajr ebda użu ekonomiku u art bil-ħaxix permanenti li ma għadhiex tintuża għal għanijiet ta' produzzjoni u li hija eliġibbli għall-pagament ta' sussidji.**

Billi l-produzzjoni tal-art suġġetta għal sussidji mingħajr ebda użu ekonomiku hija limitata għall-pagamenti diretti, l-SOs jitqiesu li huma żero.

(c) **Ġonna għall-kċina**

Billi l-produzzjoni tal-ġonna għall-kċina, normalment tkun intenzjonati għall-konsum ta' min jaħdimha stess u mhux għall-bejgħ, l-SOs jitqiesu li huma żero.

(d) **Bhejjem**

Għall-bhejjem, il-karatteristiċi jitqassmu skont il-kategorija tal-età. Il-produzzjoni tikkorrispondi għall-valur ta' b'kemm kiber l-annimal matul iż-żmien li dam fil-kategorija. Fi kliem ieħor, tikkorrispondi għad-differenza bejn il-valur tal-annimal meta jkun qed iħalli l-kategorija u l-valur tiegħu meta jkun dieħel fil-kategorija (li jissejjaħ ukoll il-valur tat-tibdil).

(e) **Annimali bovini ta' taħt sena, maskili u femminili**

L-SOs li jirrigwardaw annimali bovini ta' taħt sena jitqiesu biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda meta jkun hemm aktar annimali bovini ta' taħt sena milli baqar fuq l-azjenda. Jitqiesu biss l-SOs li jirrelataw mal-għadd żejjed ta' annimali bovini ta' taħt is-sena.

(f) **Nagħaġ u mogħoż oħrajn**

L-SOs li jirrigwardaw nagħaġ oħrajn jitqiesu biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda meta ma jkun baqa' ebda nagħġa għat-tnissil fl-azjenda.

L-SOs li jirrigwardaw mogħoż oħrajn jitqiesu biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda meta ma jkun baqa' ebda mogħża għat-tnissil fl-azjenda.

(g) **Qżieqeż**

L-SOs li jirrigwardaw il-qżieqeż jitqiesu biss fil-kalkolu tal-SO totali tal-azjenda meta ma jkun baqa' ebda ħanżira għat-tnissil fl-azjenda.

(h) **Għalf**

Jekk ma jkun hemm l-ebda bhima li tira' (jiġifieri l-ekwidi, il-baqar, in-nagħaġ jew il-mogħoż) fl-azjenda, l-għalf (jiġifieri l-għeruq u l-brassika, il-pjanti maħsudin ħodor, il-mergħat u l-imraġ) jiġi kkunsidrat li huwa intenzjonat għall-bejgħ u li jagħmel parti mill-produzzjoni ġenerali tal-uċuħ.

Jekk ikun hemm bhima li tira' fl-azjenda, l-għalf jiġi kkunsidrat li huwa intenzjonat li jitma l- bhima li tira' u huwa parti mill-produzzjoni tal-bhima li tira' u tal-għalf.

ANNESS V

Tabella ta' Korrelazzjoni

Id-Deċiżjoni 85/377/KEE	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu	L-Artikolu 1(1)
L-Artikolu 1, it-tieni paragrafu	—
L-Artikolu 2(1) u 2(2)	—
L-Artikolu 2(3)	L-Artikolu 1(2)
L-Artikoli 3 sa 5	—
L-Artikolu 6	L-Artikolu 2(1)
L-Artikolu 7, l-ewwel paragrafu, il-frażi tal-bidu	L-Artikolu 2(2), il-frażi tal-bidu
L-Artikolu 7 l-ewwel paragrafu, l-ewwel sat-tielet inċiż	L-Artikolu 2(2), l-ewwel subparagrafu, punti (a) sa (c)
L-Artikolu 7, l-ewwel paragrafu, ir-raba' inċiż	—
L-Artikolu 7, it-tieni paragrafu	—
L-Artikolu 7 it-tielet paragrafu	L-Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu
L-Artikoli 8 u 9	L-Artikolu 3
—	L-Artikoli 4 sa 7
L-Artikolu 10	—
L-Artikolu 11	—
L-Artikolu 12	—
—	L-Artikolu 8
L-Anness I	L-Anness IV
L-Anness II	L-Anness I
L-Anness III	L-Anness II
—	L-Anness III
—	L-Anness V